*Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali:* Kaufland Warenhandel GmbH & Co. KG (Neckarsulm, il-Ġermanja)

**Suġġett**

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-EUIPO tat-2 ta' Novembru 2016 (Każ R 182/2016-2), fir-rigward ta' proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Kaufland Warenhandel u Westbrae Natural.

**Dispożittiv**

1) *Ma hemmx iktar lok li tingħata deċiżjoni dwar ir-rikors.*

2) *Westbrae Natural, Inc., hija kkundannata tbati l-ispejjeż rispettivi tagħha kif ukoll dawk sostnuti mill-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO).*

(1) ĠU C 86, 20.3.2017.

---

**Digriet tal-Qorti Ġenerali tat-18 ta' Mejju 2018 – VKR Holding vs EUIPO (VELUX)**

**(Kawża T-465/17)** (1)

***("Trade mark tal-Unjoni Ewropea — Applikazzjoni għar-reġistrazzjoni ta' trade mark verbali tal-Unjoni Ewropea VELUX — Rivendikazzjoni tal-anzjanità tat-trade mark verbali nazzjonali preċedenti VELUX — Revoka tad-deċiżjoni tal-Bord tal-Appell — Artikolu 103 tar-Regolament (UE) 2017/1001 — Tmiem tas-suġġett tal-kawża — Ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni")***

(2018/C 249/43)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* VKR Holding A/S (Søborg, id-Danimarka) (rappreżentant: J. Heebøll, avukat)

*Konvenut:* L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentant: D. Gája, aġent)

**Suġġett**

Rikors kontra d-Deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-EUIPO, tat-23 ta' Mejju 2017 (Każ R 1927/2016-2), dwar talba intiża għar-rivendikazzjoni tal-anzjanità tat-trade mark nazzjonali (Estonjana) identika għat-trade mark verbali "VELUX", irreġistrata bħala trade mark tal-Unjoni Ewropea.

**Dispożittiv**

1) *Ma hemmx iktar lok li tingħata deċiżjoni dwar ir-rikors.*

2) *L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea huwa kkundannat għall-ispejjeż.*

(1) ĠU C 309, 18.09.2017.